**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta'Novembru 2022**

Rikors Numru: 397/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 3624/2015)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlettax (13) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Ara Dok A anness) u minn relazzjoni li kellhom qabel dan iz-zwieg twieled tifel D B li illum ghandu tmin (8) snin;

2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jgħaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili

(Sezzjoni Familja) datat id disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022);

3. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Sharon Faith Farrugia, datat is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) (Dok B anness), l-partijiet irrinunzjaw definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti fir-rigward tal-wild minuri;

4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awwissu 2021;

5. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-esponenti tikkontendenti illi huwa minnu li l-partijiet ilhom jinsabu legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia; ilhom separati *de facto* sa minn Awwissu tas-sena 2021, u li bejniethom m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni;
2. Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi l-ebda manteniment m'huwa dovut lill-parti jew ohra fir-rigward tal-minuri D B u kwindi l-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi huma lkoll sodisfatti ghall-ottjeniment tad-divorzju;

3. Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda kontestazzjoni sabiex iz-zwiegt taghha mar-rikorrenti jigi mahlul minn din l-Onor. Qorti;
4. Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u titlob li l-istess jigu akkolati lir-rikorrent.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru 2022;

Rat ir-risposta u l-affiavit tal-intimata;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn Awwissu 2021 u legalment separati mis-17 ta' Mejju 2022.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.